**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 40**

19 t'Ottubru 2021

L-erbgħin (40) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2021 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

40.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

40.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

40.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

40.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

40.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 39.5.6 li għandha taqra "is-sinjali fi Triq San Tumas u Triq il-Miratur".

40.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:'

Favur: 5 (JAE, VB, DSH, JP, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

40.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kwistjoni tal-arblu. Is-Sindku wieġbet li kienet pruvat iċċempel lill-Perit kemm minħabba din il-materja u anke minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tal-piċċ iż-żgħir, iżda ma kienitx irnexxilha tagħmel kuntatt miegħu. Hija qalet li għandha terġa' tipprova tikkuntattjah l-għada.

40.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.2.5 rigward ix-xogħol fi Pjazza Sant'Anna. Is-Sindku qalet li l-inġinier tal-ministeru kien ikkonferma li kienu qed jinxtraw l-affarijiet neċessarji biex ikun jista' jingħalaq ix-xogħol. Hija żiedet tgħid li kienet informata wkoll li x-xogħol kellu jkun lest sal-aħħar t'Ottubru u li wara jkun jista' jibda' x-xogħol ta' restawr.

40.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja 39.5.1 u staqsa meta ser tibda' ż-żabra. Il-Viċi Sindku VB wieġeb li għandu jagħmel kuntatt mal-ELC sabiex jikkonferma meta ser issir żabra.

40.2.7. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax issir żabra fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-Sindku wieġbet li ż-żabra f'dik iż-żona ssir minn kuntrattur ieħor u mhux mill-ELC. Hija qalet li kienet kellmet lill-kuntrattur dwar dan u dwar żabriet oħrajn li hemm bżonn li jsiru.

40.2.8. Is-Sindku nformat li fil-jiem li ġejjin kienu ser jitwaħħlu l-bankijiet li kien hemm nieqsa fit-Telgħa tal-Kurċifiss.

40.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.5.2 u staqsa rigward l-isleeping policeman fit-Telgħa tal-Kurċifiss u fi Triq il-Kapuċċini. L-ASE wieġeb li l-isleeping

policemen kienu ġew ordnati però kien hemm oġġezzjoni fuq l-isleeping policeman fit-Telgħa tal-Kurċifiss minn Transport Malta u għalhekk din ma setgħetx issir. Il-Kunsillier JAE innota dan. Huwa żied jgħid li l-Kunsill kien għamel is-sinjali neċessarji sabiex jimmitiga l-problema.

40.2.10. Il-Kunsillier JAE staqsa meta ser issir iż-żabra. Il-Viċi Sindku VB wieġeb li ż-żabra normalment issir għall-aħħar ta' Frar, jew bidu ta' Marzu. Is-Sindku qalet li hi kienet informata li kienu ser ikomplu x-xogħol tal-Kunsill appena jkun lest ix-xogħol urġenti li għandhom bħalissa.

40.2.11. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 39.3.2 u qal li hu kien attenda għall-attività tat-Tonna Trophy. Huwa qal li kienet inbidlet is-sistema tal-votazzjoni. Żied jgħid li r-rebbieħ kien il-Kunvent tal-Kapuċċini filwaqt li l-W.R. Sindku kienet ġiet it-tieni, u s-Sur Ivan Hallett ġie fit-tielet post. Is-Sindku ħadet l-opportunità sabiex tirringrazzja lill-Kunsill tan-nominazzjoni filwaqt li irringrazzjat lill-Kunvent tal-Kapuċċini u lis-Sur Ivan Hallett tax-xogħol li sar matul is-snin favur il-lokalità.

40.2.12. Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk kien nieda skema għad-dwal tal-Milied fejn kienu ser joffru massimu ta' €1200 rimbors lil kull kunsill. Il-Kunsill innota dan.

40.2.13. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienitx ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema għall-fondi kulturali għal żmien il-Milied. L-ASE qal li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu lid-dipartiment li kienet tinkludi parati li kienu ser isiru madwar it-toroq tal-lokalità fi żmien il-Milied.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni San Publju ta' Malta fejn stiednu lill-Kunsill jattendi għas-serata Prof. Oliver Friggieri li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2021.

40.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand persuna fejn talbet lill-Kunsill jikkonsulta ma' Transport Malta sabiex ikun hemm waqfa tal-Park n' Ride fil-Floriana. Il-Viċi Sindku qal li hemm żewġ waqfiet fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' Transport Malta sabiex jassiguraw li x-xufiera kienu qed iwaqqfu fil-postijiet identifikati fil-lokalità.

40.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Ministeru tal-Anzjanità Attiva fejn ħeġġew lill-Kunsill jinnomina xi anzjani għall-premjijiet. Il-Viċi Sindku VB ġibed l-attenzjoni li l-persuni nominati jridu jkunu għamlu xi ħaġa li ma tkunx biss fuq livell lokali. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jinnomina lis-Sur Publio Agius għall-Premju Anzjanità Attiva, lis-Sur Noel Galea Bason għall-Anzjan Kulturali tas-Sena u lis-Sur Paul Ellul għall-Akkademiku tas-Sena.

40.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development rigward iċ-charging pillars tal-vetturi elettriċi. Huma talbu li jitwaħħlu tabelli tan-no parking sabiex ikunu jistgħu jiġu installati il-pillars fil-jiem li ġejjin. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma fejn hu s-sit li qed jipproponu minħabba li ma kienx kompletament ċar mill-pjanti provduti.

40.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Ġustizzja fejn talbu li jingħataw parkeġġ riservat għall-vettura tad-dipartiment. Il-Kunsill ma qabilx anke ladarba skont il-linji gwida id-dipartimenti ma kienux intitolati għall-parkeġġi riservati.

40.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li nforma li kien attenda għal konferenza fi Franza u talab għall-għotja ta' subsistance allowance. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

40.3.7. Is-Sindku DSH ressqet ċirkolari mingħand il-Fsobians Club li nformaw li kienu ser jorganizzaw ikla u stiednu lill-membri tal-Kunsill sabiex jattendu. Il-Kunsill innota dan.

40.3.8. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dar tal-Providenza fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed ibiegħu ponsjetti u li d-dħul tagħhom kien ser imur għall-għajnuna tad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill innota dan.

40.3.9. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tal-President fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed ibiegħu ponsjetti u li d-dħul tagħhom kien ser imur għall-Community Chest Fund. Il-Kunsill innota dan.

40.3.9.1. Il-Kunsill qabel li f'każ li jkunu se jinxtraw il-ponsjetti, l-ammont ordnat għandu jitqassam bejn iż-żewġ entitajiet sabiex ikunu ġew mgħejuna it-tnejn.

40.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn talbu li ssir laqgħa urġenti. Is-Sindku ressqet ukoll korrispondenza oħra mingħand is-Sur Vella.

40.3.10.1. Hija qalet li l-Kunsill kien irċieva diversi ilmenti rigward storbju filgħaxija fl-inħawi fi Triq Sant'Anna.

40.3.10.2. Is-Sindku qalet li għalkemm tifhem li wara l-pandemija kulħadd kien bata, il-Kunsill kien obbligat jieħu azzjoni u kien għalhekk li talab lill-Pulizija tintervjeni. Hija żiedet tgħid ukoll li l-ilmenti saru dwar iż-żewġ każini u mhux wieħed biss.

40.3.10.3. Wara li l-Pulizija iċċekkjaw il-permessi, irriżulta li wieħed mill-każini ma kellux il-permessi neċessarji għall-imwejjed. Is-Sindku qalet li tinsab informata li dan il-każin kien ħa azzjoni u qed japplika sabiex jingħatawlu l-permessi meħtieġa. Is-Sindku qalet li l-każin kien ukoll applika mal-MTA għall-konċessjoni li l-Gvern qed jagħti bħala għajnuna wara l-pandemija.

40.3.10.4. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qiegħed hemm biex jissalvagwardja kemm il-komunità ekonomika tal-lokalità kif ukoll ir-residenti.

40.3.10.5. Is-Sindku qalet li kien hemm battibekk bejn iż-żewġ każini dwar il-livell għoli tal-mużika. Hija qalet li ż-żewġ każini kellhom dritt joperaw biss kellhom ukoll id-dmir li joperaw skont il-liġi.

40.3.10.6. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma setax joħroġ permess lil bar wieħed biss u lill-ieħor le. Żiedet tgħid ukoll li biswithom kien hemm bar ieħor li ukoll seta' japplika għall-permessi 'il quddiem. Kien importanti li jinstab bilanċ u jinstab ftehim biex il-bejgħa tinqasam bejn kulħadd.

40.3.10.7. Wara li kompla jiddiskuta, il-Kunsill qabel li jsejjaħ laqgħa ma' rappreżentant minn kull każin u tal-operat taż-żewġ każini, rappreżentant tas-St Publius Club, kif ukoll mal-Community Police, u jintalbu jiġu b'idea ta' kif jistgħu jikkollaboraw flimkien sabiex ma jbati ħadd, kif ukoll jinżamm bilanċ u jiġi rispettat ir-resident.

40.3.10.8. Is-Sindku qalet li l-operatur tal-Każin tal-Banda Vilhena kien applika għall-konċessjoni tal-MTA. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-permessi għandhom ikunu limitati għal quddiem il-ħanut biss u jingħata permess għal tliet imwejjed, u dan anke sabiex ma jkunx hemm ostaklu għan-nies li jkunu għaddejjin minn taħt il-loġoġ.

40.3.10.9. L-ASE qal li l-Kunsill kien joħroġ permess għall-imwejjed u siġġijiet biss il-Kunsill ma kienx l-entità deċiżiva fejn jidħlu n-numru ta' mwejjed u siġġijiet li jistgħu jintramgħu f'żona partikolari u sta għall-operatur li jkun konformi mar-regolamenti neċessarji partikularment dawk marbuta mal-pandemija.

40.3.10.10. Is-Sindku qalet li jekk ser ikun hemm estensjoni tal-armar tal-imwejjed li tmur oltre minn quddiem il-faċċata tal-każini jew bars, dan kien ser joħloq problemi ulterjuri meta jiġi organizzat il-Karnival u jkunu armati l-gabbani.

40.3.11. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata minn residenta li talbet permess sabiex torganizza gym classes għat-tfal tal-iskola tal-Floriana, nhar ta' Ħamis bejn it-3pm u l-4pm fil-piċċ iż-żgħir. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

40.3.12. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex isiru xi toqob neċessarji għall-armar tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

40.3.13. Is-Sindku informat lill-Kunsill b'laqgħa li kellha mas-Sur Mark Ciantar fejn offrew lill-Kunsill sabiex id-dawl ta' Triq Sant'Anna jitranġa konġuntament mal-għaqda tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiġu kjarifikati xi punti filwaqt li jassigura li jibqa' konformi mar-restrizzjonijiet finanzjarji.

## 40.4 RAPPORTI

40.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 40.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

40.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar jekk hemmx indikazzjoni dwar meta ser jitlesta x-xogħol fi Triq il-Miratur. Is-Sindku wieġbet li dakinhar kien beda x-xogħol tat-tqegħid tal-kurduni. Hija qalet li t-triq qed tiġi mwittija u dalwaqt jingħata t-tarmac.

40.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar ix-xogħol fuq il-piċċ sintetiku. Is-Sindku wieġbet li kienet għadha

qed tistenna tweġiba mingħand il-Perit tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet u dan sabiex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

40.5.3. L-ASE qal li kien tkellem mal-Perit ukoll sabiex jibda' jaħdem sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob ir-rimbors mill-UIF.

## 40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

40.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

40.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 29/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

40.7.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-pagament dovut lill-kuntrattur WM Environmental Ltd u spjegat li parti mill-pagament kien qed jinżamm minħabba li l-Wasteserv kienet informat lill-Kunsill b'xi kollezzjonijiet neqsin. Hija qalet li l-pagament kien qed jinżamm sakemm il-kuntrattur jipprovdi l-provi mitluba biex il-Kunsill ikun jista' jitlob ir-rimbors dovut mil-Wasteserv.

40.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

40.7.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata mill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff sabiex jinbidlu l-ġranet tal-kollezzjoni għal nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-kuntratt jippermetti li dan isir bil-qbil tat-tnejn.

40.7.3.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hux ser ikunu nfurmati r-residenti f'każ li ssir bidla fil-ġranet tal-kollezzjoni. Is-Sindku qalet li għandhom l-ewwel jiġu deċiżi d-dekasteri li ser jingħataw lill-Kunsillier Albert Demarco imbagħad jintbagħat avviż lil kull resident bit-tibdiliet kollha.

40.7.4. Is-Sindku nformat lill-Kunsill bil-laqgħa li nżammet mal-kuntrattur ta' ġbir ta' skart fejn talab żieda ta' 10%. Hija qalet li wara li kienet informatu li dan mhux permissibbli bil-liġi, il-kuntrattur talab li jirriżenja mil-kuntratt. Hija qalet li kien informaha li kien ser jibqa' joffri s-servizz sakemm jinstab kuntrattur ieħor. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-avukat sabiex jara kif ser jipproċedi.

40.7.5. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk l-istess kuntrattur jistax jerġa' jiġi kunsidrat għall-kuntratt li jmiss ladarba jkun xolja l-kuntratt hu stess. Il-Kunsill qabel li l-ASE għandu jivverifika jekk dan jistax isir.

40.8 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAL-EWWEL KWART TAS-SENA 2021**

40.8.1. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

40.9 **APPROVAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

40.9.1. Is-Sindku nformat li l-bord kien iltaqa' u kienu saru l-evalwazzjonijiet neċessarji. Hija qalet li s-segretarja tal-Bord kienet għaddiet ir-rapporti lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali iżda kien għad m'hemmx risposta. Għalhekk l-approvazzjoni tal-ħatra ma setgħetx tiġi mressqa għalissa.

40.10 **TALBA MILL-FERGĦA ARMAR TA' BARRA**

40.10.1. Din il-materja ġiet diskussa f'materja nru 40.3.13.

40.11 **ATTIVITAJIET TAL-MILIED**

40.11.1. Is-Sindku nformat li l-applikazzjoni tal-iskema kienet għaddiet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-evalwazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom. Hija qalet li appena jkun hemm risposta, il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti iktar fid-dettall.

40.11.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-Kunsill hux ser jorganizza xi ħaġa għall-istaff għal żmien il-Milied. Is-Sindku qalet li dik il-materja ser l-ewwel tiġi diskussa internament.

40.12 **IL-FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLJU**

40.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kif tidher is-sitwazzjoni bħalissa, jidher li ser ikun jista' jinżamm festin żgħir bħalma soltu jsir għall-okkażjoni tal-festa liturġika.

40.12.2. Il-Kunsill qabel u qabel li l-festin għandu jinżamm nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2022 u qabel li għandu jinforma lill-għaqdiet lokali b'dan.

40.13 **FIREWORKS FESTIVAL**

40.13.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet talbet lill-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex tibbukkja s-Sala Robert Samut għal nhar it-22 ta' April 2022 fl-okkażjoni ta' Jum il-Floriana.

40.13.2. Is-Sindku qalet li jekk ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet jibqgħu kif inhuma, il-Kunsill għandu jibda' jiltaqa' mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex l-attività tkun tista' ssir b'mod

seated. Il-Kunsillier JAE qal li jħoss li dan kien pass 'il quddiem għall-attività li kien jistħoqqilha dan il-preġju.

40.13.3. Is-Sindku irreferiet għall-materja tad-dekasteri li għandu jassumi l-Kunsillier AD. Qara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier AD jingħata d-dekasteri ta' utilitajiet u servizzi, kultura u integrazzjoni soċjali, u komunitajiet, kif ukoll id-dekasteru tal-attivitajiet li huwa konġunt bejn il-kunsilliera kollha.

40.13.4. Is-Sindku talbet lill-ASE sabiex tinħareġ ċirkolari bid-dekasteri aġġornati.

40.13.5. Is-Sindku talbet lill-ASE sabiex jiġu aġġornati n-noticeboards minħabba li kien għad hemm riklami u posters ta' avvenimenti passati.

40.13.6. Il-Viċi Sindku VB qal li l-paġna ta' Facebook kif ukoll il-website għandhom jiġu emendati sabiex jirriflettu l-membri tal-Kunsill preżenti. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jaġġorna l-app.

40.13.7. Is-Sindku għamlet riferenza għal-laqgħa tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tinżamm nhar it-2 ta' Diċembru fis-7pm.

## 40.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

40.14.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:05 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2021 fis-1.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

**(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmati)**

Malcolm Agius Muscat
Aġent Segretarju Eżekuttiv